

Brussell, 30 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14964/24

Fajls Interistituzzjonali:
2022/0407(CNS)
2022/0410(NLE)
2022/0409(CNS)

FISC 209
ECOFIN 1204

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Il-pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali":

- a) Abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali
 - Approċċ ġenerali
- b) Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali
 - Qbil politiku
- c) Abbozz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT
 - Qbil politiku

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett bl-isem "Il-VAT fl-Era Diġitali", li fih tliet proposti:

- proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali (id-Direttiva emendatorja)¹;

¹ Id-dokument 15841/22.

- proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali (ir-Regolament emendatorju)²; u
- proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni emendatorju)³.

2. It-tliet proposti għandhom l-oġġetti li ġejjin:

- (a) għandhom l-għan li jimmodernizzaw il-proċess tal-fatturazzjoni billi jimxu lejn fatturazzjoni elettronika ġeneralizzata, u jaġġornaw l-obbligi ta' rapportar għall-finijiet tal-VAT billi jistandardizzaw l-informazzjoni li jenħtieġ tiġi ppreżentata minn persuni taxxabbli dwar kull tranżazzjoni, li tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa (il-parti "rekwiżiti ta' rapportar diġitali" jew "DRRs");
- (b) ifittxu li jindirizzaw l-isfidi li l-ekonomija tal-pjattaformi toħloq għas-setturi tradizzjonali f'termini ta' kundizzjonijiet ekwi billi jsaħħu r-rwol tal-pjattaformi fil-ġbir tal-VAT, meta jiffaċilitaw il-provvista ta' servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir jew servizzi tat-trasport tal-passiġġieri (il-parti "ekonomija tal-pjattaformi"); u
- (c) jappoġġaw l-għan li titnaqqas il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni għall-finijiet tal-VAT f'diversi Stati Membri tal-UE, billi jtejbu l-funzjonament tas-sistemi eżistenti ta' punt uniku ta' servizz u l-mekkaniżmi tar-reverse charge (il-parti tar-"reġistrazzjoni unika tal-VAT" jew "SVR") u l-estensjoni tagħhom.

² Id-dokument 15842/22.

³ Id-dokument 15843/22.

3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett fit-3 ta' Marzu 2023⁴. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett fis-27 ta' April 2023⁵. Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-seduta plenarja tiegħu tat-22 ta' Novembru 2023⁶. Jekk il-Kunsill jilħaq approçċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva emendatorja, ser ikollha tintalab opinjoni ġdida mill-Parlament Ewropew.

4. Saru diskussjonijiet tekniċi dwar id-diversi partijiet tal-pakkett taħt il-Presidenza Ċeka, Żvediża, Spanjola u dik Belġjana, li wasslu għal qbil ġenerali dwar il-pakkett bl-eççeżżjoni ta' kwistjoni ewlenija waħda, jiġifieri r-reġim tal-fornitur preżunt għal servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir u servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq.

II. KWISTJONI EWLENIJA: EKONOMIJA TAL-PJATTAFORMI

5. Fid-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill (Ecofin) ta' Ġunju 2023, kien hemm kunsens ġenerali dwar il-ħtieġa għal rwol akbar għall-pjattaformi fil-ġbir tal-VAT fuq il-kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir u s-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri. Madankollu, għadd ta' Stati Membri esprimew tħassib dwar il-mudell tal-fornitur preżunt u xi ministri appellaw għal fit flessibbiltà dwar ir-reġim tat-tassazzjoni tal-kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir.

6. Fit-testi ta' kompromess tagħha, il-Presidenza Spanjola aġġustat id-definizzjoni ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir biex tippermetti lill-Istati Membri flessibbiltà suffiçjenti biex jakkomodaw l-ispeçificitajiet nazzjonali fit-tassazzjoni tas-settur tal-akkomodazzjoni permezz tad-dritt nazzjonali. Madankollu, grupp ta' Stati Membri kien għadu mhux f'pożizzjoni li jappoġġa din is-soluzzjoni u talab aktar flessibbiltà.

⁴ Id-dokument 7071/23.

⁵ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, "Il-VAT fl-Era Diġitali", dok. ECO/606, <https://webapi2016.eesc.europa.eu/v1/documents/EESC-2022-06315-00-00-AC-TRA-MT.docx/content>

⁶ Ir-Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0421_MT.pdf; Ir-Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0422_MT.pdf.

7. Il-Presidenza Belġjana laqgħet dan it-tħassib billi tat lill-Istati Membri l-possibbiltà li jipprevjenu r-reġim tal-fornitur preżunt milli japplika għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Fil-laqgħa tal-Kunsill (Ecofin) tal-14 ta' Mejju 2024, din is-soluzzjoni ġabret l-appoġġ tal-Istati Membri kollha ħlief wieħed.

8. Wara l-laqgħa tal-Kunsill ta' Mejju, il-Presidenza Belġjana mmodifikat it-test billi taffiet il-piż amministrattiv għall-pjattaformi u l-fornituri sottostanti f'dawk l-Istati Membri li jużaw il-possibbiltà li jeżentaw lill-SMEs mir-reġim tal-fornitur preżunt. Fil-Kunsill Ecofin ta' Ġunju 2024, din is-soluzzjoni reġgħet ġiet appoġġata mid-delegazzjonijiet kollha ħlief waħda.

9. F'Ottubru 2024, wara riflessjonijiet dovuti fil-livell tekniku dwar it-triq 'il quddiem dwar il-kwistjoni ewlenija msemmija hawn fuq, il-Presidenza Ungeriża emendat it-test billi komplet ittaffi l-piż amministrattiv assoċjat mal-esklużjoni possibbli tal-SMEs mill-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim tal-fornitur preżunt, u billi dewmet id-data tal-applikazzjoni tar-reġim tal-fornitur preżunt.

10. Dan it-test kien appoġġat b'mod ġenerali fil-livell tekniku, u l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Ottubru 2024, iddeċieda li jibgħat it-testi lill-Kunsill għal approċċ ġenerali dwar id-Direttiva emendatorja, qbil politiku dwar ir-Regolament emendatorju, u qbil politiku dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni emendatorju. Fil-laqgħa, il-Kummissjoni talbet l-inklużjoni ta' żewġ dikjarazzjonijiet, u d-delegazzjoni Spanjola l-inklużjoni ta' dikjarazzjoni waħda kemm fil-minuti tal-Coreper kif ukoll tal-Kunsill (ara l-addendum 1 ta' din in-nota).

III. KONKLUŻJONI

11. F'dan il-kuntest, il-Kunsill huwa mistieden:

- a) jilħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali abbażi tat-test fid-dokument 14961/24;

b) jilħaq qbil politiku dwar

- l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali abbażi tat-test fid-dokument 14962/24; u
- r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT abbażi tat-test fid-dokument 14963/24;

c) jaqbel dwar id-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill fl-addendum ta' din in-nota u jstieden lis-Segretarjat biex jinkludihom fil-minuti tal-Kunsill;

d) jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet l-oħra fl-addendum għal din in-nota u jstieden lis-Segretarjat biex jinkludihom fil-minuti tal-Kunsill.

12. Jekk il-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva emendatorja abbażi ta' dan, ikollha tittieħed deċiżjoni biex il-Parlament Ewropew jiġi kkonsultat mill-ġdid dwar it-test permezz ta' proċedura bil-miktub simplifikata li għandha tinwieda wara l-laqgħa tal-Kunsill fid-dawl tad-differenzi sostanzjali bejn il-proposta tal-Kummissjoni u l-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza.